

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument leġislattiv konsolidat

22.4.2009

EP-PE_TC1-COD(2008)0221

*****I**

POŻIZZJONI TAL- PARLAMENT EWROPEW

adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' April 2009 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva /.../KE dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra (EP-PE_TC1-COD(2008)0221)

PE 424.985

MT

MT

POŻIZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' April 2009

bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva /.../KE dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat³,

Billi:

- (1) Il-mobilità sostenibbli hija sfida mill-akbar li qed tthabbat wiċċha magħha l-Komunità fid-dawl tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tiġi sostnuta l-kompetitività Ewropea kif misħuq fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *tat-8 ta' Lulju 2008* dwar it Trasport aktar Ekoloġiku⁴.

¹ Opinjoni tal-25 ta' Marzu 2009 (għadha mhix pubblikata fil-ĠU).

² ĠU C , , p.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2009.

⁴ COM(2008) 433

- (2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *tad-19 ta' Ottubru 2006 intitolata "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza Enerġetika – Inwettqu l-potenzjal"* [traduzzjoni mhux uffiċjali]¹ saħqet dwar il-potenzjal li l-konsum totali tal-enerġija jitnaqqas b'20 % sal-2020 permezz ta' lista ta' azzjonijiet immirati inkluż it-tikkettar tat-tajers.
- (3) It-tajers, l-aktar minħabba r-reżistenza tagħhom għat-tagħmir, jgħoddu għal 20 % sa 30 % tal-konsum tal-fjuwils tal-vetturi. Tnaqqis tar-reżistenza għat-tidwir tat-tajers jaf għalhekk jikkontribwixxi b'mos sinifikanti għall-effiċjenza enerġetika tat-trasport tat-triq u b'hekk għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.
- (4) It-tajers huma karatterizzati minn għadd ta' parametri marbutin ma' xulxin. It-titjib ta' parametru wieħed bħar-reżistenza għat-tidwir jista' jkollu impatt avvers fuq parametri oħra, bħall-qbid fuq l-imxarrab, filwaqt li jekk jittejjeb il-qbid fuq l-imxarrab, jista' jkun hemm effett avvers fuq il-ħoss estern tat-tidwir. Il-manifatturi tat-tajers *għandhom* jiġu mħeġġa jtejbu l-parametri kollha, ***bla ma jnaqqsu l-istandards tas-sikurezza li diġà nkisbu.***
- (5) It-tajers li jwasslu għal użu effiċjenti tal-fjuwil iġibu l-infiq effettiv għaliex l-iffrankar fuq il-fjuwil jagħmel tajjeb bil-kbir għall-prezz tax-xiri ogħla tat-tajers li jkun ġej minn spejjeż tal-produzzjoni ogħla.
- (6) || Ir-Regolament (KE) Nru .../2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tipi għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur]² jistipula rekwiżiti minimi dwar ir-reżistenza għat-tidwir tat-tajers. L-iżviluppi teknoloġiċi jagħmluha possibbli li t-telf tal-enerġija jitnaqqas b'mod sinifikanti lil hinn mir-rekwiżiti minimi *li jirriżultaw minn* reżistenza għat-tidwir tat-tajers li tkun||. Sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport fit-triq, huwa għalhekk xieraq li jiġu stipulati dispożizzjonijiet li jħeġġu lill-utenti aħħarin jixtru aktar tajers li jwasslu għall-użu effiċjenti tal-fjuwil billi jipprovdulhom informazzjoni armonizzata dwar dan il-parametru.
- (7) ***Sabiex jiżdiedu l-fehim u l-kuxjenza dwar ir-reżistenza għat-tidwir, jekk jintuża kalkolatur tal-iffrankar ta' fjuwil, bħal dak li diġà jintuża għat-tajers C3, dan iservi bħala għodda sinifikanti biex jintwera l-iffrankar potenzjali ta' fjuwil, ta' flus u tas-CO₂.***

¹ COM(2006) 545.

² ĠU L, p. .

- (8) L-istorbju tat-traffiku jaf jagħti ħafna fastidju u għandu effett ta' ħsara għas-saħħa. || Ir-Regolament (KE) Nru .../2009 [dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tipi għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur] jistipula rekwiżiti minimi dwar l-istorbju estern tat-tidwir tat-tajers. L-iżviluppi teknoloġiċi jagħmluha possibbli li l-istorbju estern tat-tidwir tat-tajers jitnaqqas b'mod sinifikanti lil hinn mir-rekwiżiti minimi. Sabiex jitnaqqas l-istorbju tat-traffiku, huwa għalhekk xieraq li jiġu stipulati dispożizzjonijiet li jħeġġu lill-utenti aħħarin jixtru tajers bi storbju estern tat-tidwir baxx billi jipprovdulhom informazzjoni armonizzata dwar dan il-parametru.
- (9) L-għoti ta' informazzjoni armonizzata dwar l-istorbju estern tat-tidwir tat-tajer jista' wkoll jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-istorbju tat-traffiku u jikkontribuwixxi għal kuxjenza akbar dwar l-effett tat-tajers fuq l-istorbju tat-traffiku fi ħdan id-Direttiva 2002/49 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali¹.
- (10) || Ir-Regolament (KE) Nru .../2009 [dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tipi għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur] jistipula rekwiżiti minimi dwar il-qbid tat-tajers fuq l-imxarrab. L-iżviluppi teknoloġiċi jagħmluha possibbli li l-qbid fuq l-imxarrab jittejjeb lil hinn mir-rekwiżiti minimi, u għalhekk jitnaqqsu d-distanzi tal-ibbrejjar fuq l-imxarrab. Sabiex titjeb is-sikurezza tat-toroq, huwa għalhekk xieraq li jiġu stipulati dispożizzjonijiet li jħeġġu lill-utenti aħħarin jixtru tajers bi prestazzjoni għolja għall-qbid fuq l-imxarrab billi jipprovdulhom informazzjoni armonizzata dwar dan il-parametru.
- (11) Parametri oħra tat-tajers, bħall-aquaplaning jew iż-żamma fid-dawriet, jaffettaw ukoll is-sikurezza fit-toroq. Madankollu, f'dan l-istadju, għad mhemmx disponibbli metodi armonizzati tat-ttestjar fir-rigward ta' dawn il-parametri. Huwa għalhekk xieraq li jiġi pprovdut għall-possibbiltà, fi stadju aktar tard u jekk meħtieġ, għall-iffisar ta' dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni armonizzata lill-utenti aħħarin dwar dawn il-parametri tat-tajers.
- (12) ***It-tajers tas-silġ u t-tajers Nordiċi tax-xitwa għandhom parametri speċifiċi li ma jistgħux jitqabblu b'mod sħiħ mat-tajers normali. Sabiex jiġi żgurat li l-utenti aħħarin jagħmlu deċiżjonijiet ġusti u infurmati, il-parametri ta' dawn it-tajers għandhom jintwerew b'mod li jpoġġihom fuq l-istess livell mat-tajers normali.***

¹ ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12.

- (13) L-għoti ta' informazzjoni dwar il-parametri tat-tajers fil-forma ta' tikketta standard x'aktarx jasal biex jinfluwenza d-deċiżjonijiet tax-xiri tal-utenti aħħarin favur tajers aktar sikuri, inqas storbuġi u ji jwasslu għal iffrabkar tal-fjuwil. Dan imbagħad jaf iħeġġeġ lill-manifatturi tat-tajers jottimizzaw dawk il-parametri tat-tajers, li jwittu t-triq għal konsum u produzzjoni aktar sotenibbli.
- (14) *Il-manifatturi, il-fornituri u d-distributuri tat-tajers għandhom jitħeġġu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament sa qabel l-2012 sabiex jitħaffef ir-rikonoxximent tal-iskema u t-twettiq tal-benefiċċji tagħha.*
- (15) Il-fatt li hemm bosta regoli diversi dwar it-tikettar tat-tajers minn Stat Membru għalieħor joħloq ostkali għall-kummerċ intra-Komunitarju u jkabbar il-piż amministrattiv u l-ispejjeż tal-ittejtjar għall-manifatturi tat-tajers.
- (16) It-tajers ta' sostituzzjoni jgħoddu għal 78 % tas-suq tat-tajers. Huwa għalhekk ġustifikat li l-utent aħħari jiġi infurmat dwar il-parametri tat-tajers ta' sostituzzjoni kif ukoll tat-tajers armati fuq vetturi ġodda.
- (17) Il-bżonn ta' aktar informazzjoni dwar l-effiċjenzafl-użu tal-fjuwil mit-tajers u parametri oħra hija rilevanti għall-konsumaturi, inkluż għall-manigġers tal-flotot u l-impriżi tat-trasport, li ma jistgħux faċilment iqabblu l-marki differenti tat-tajers fin-nuqqas ta' skema armonizzata ta' ttejtjar u tikettar . Huwa għalhekk xieraq li jiġu inklużi it-tajers C1, C2 u C3 fl-ambitu ta' *dan ir-Regolament*.
- (18) It-tikketta dwar l-enerġija li tikklassifika l-prodotti bi skala minn "A sa G", kif applikata għall-apparat tad-dar skond id-Direttiva *tal-Kunsill* 1992/75/KE *tat-22 ta' Settembru 1992* dwar l-indikazzjoni permezz ta' tikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum ta' l-enerġija u riżorsi oħra skond l-apparat tad-dar¹, hija magħrufa sew mill-konsumaturi u rnexxiet fil-promozzjoni ta' apparat aktar effiċjenti. L-istess disinn għandu jintuża għat-tiklettat tal-effiċjenza tat-tajers għall konsum tal-fjuwil.

¹ ĠU L 297, 13.10.1992, p. 16.

- (19) Dak li jkun hemm muri fuq it-tikketta ta' fuq it-tajers fil-ħanut, kif ukoll fil-letteratura promozzjonali teknika, għandu jiżgura li sew il-bejjiegħa sew l-utenti potenzjali u aħħarin jiriċevu informazzjoni armonizzata dwar l-effiċjenza tat-tajers għall-użu tal-fjuwil, il-prestazzjoni tal-qbid fuq l-imxarrab u l-istorbju estern tat-tidwir.
- (20) Xi utenti aħħarin jagħżlu t-tajers qabel ma jaslu fil-punt tal-bejgħ jew jixtru t-tajers billi jordnawhom bil-posta. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-utenti aħħarin ukoll ikunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata abbażi tal-informazzjoni armonizzata dwar l-effiċjenza tat-tajers għall-użu tal-fjuwil, il-prestazzjoni tal-qbid fuq l-imxarrab u l-istorbju estern tat-tidwir, it-tikketi għandhom jintwerew fil-letteratura promozzjoni teknika kollha, inkluż fejn letteratura bħal din tkun disponibbli fuq l-Internet.
- (21) *Ix-xerrejja potenzjali għandhom jingħataw informazzjoni supplimentari standardizzata li tispjega kull element tat-tikketta - l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, il-qbid fuq l-imxarrab u l-emissjoni tal-istorbju - u r-rilevanza tagħhom, u li tinkludi kalkolatur tal-iffrakar tal-fjuwil li juri l-medja tal-iffrakar tal-fjuwil, tas-CO₂ u tal-ispejjeż. Din l-informazzjoni għandha tingħata fuq il-websajt tal-EU dwar it-tikkettar tat-tajers u fuq fuljetti spjegattivi u posters fil-postijiet kollha tal-bejgħ. L-indirizz tal-websajt għandu jkun indikat b'mod ċar fuq it-tikketta u fuq kull letteratura teknika promozzjonali.*
- (22) L-informazzjoni trid tingħata skond il-metodi armonizzati tat-testjar stipulati fi || Ir-Regolament (KE) Nru .../2009 [dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tipi għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur...] sabiex l-utenti aħħarin ikunu jistgħu jqabblu tajers differenti u jillimitaw l-ispejjeż tal-ittestjar għall-manifatturi.
- (23) *Sabiex jindirizzaw l-isfida tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-CO₂ tat-trasport bit-triq, xieraq li l-Istati Membri jimplimentaw inċentivi favur tajers li jwasslu għall-effiċjenza tal-fjuwil, . Dawn l-inċentivi għandhom ikunu konformi mal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat . Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern, għandhom jiġu stabbiliti kategoriji għall-effiċjenza minima tal-fjuwil.*

- (24) Il-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar mill-manifatturi, il-fornituri u d-distributuri hija essenzjali *biex jintlaħqu l-għanijiet* ta' dawn id-dispożizzjonijiet **u jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali fi ħdan il-Komunità**. L-Istati Membri għandhom għalhekk *jidentifikaw miżuri effettivi, fosthom is-sorveljanza* tas-suq u kontrolli ex-post regolari **u sanzjonijiet effettivi, biżżejjed biex jiżguraw l-infurzar tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva**.
- (25) *L-Istati Membri għandhom jirsistu, meta jkunu qed jimplimentaw id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolamenta, biex joqogħdu lura minn kull miżura li timponi obbligi inġustifikati, burokratiċi, u mhux Prattiki fuq l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs), u, meta jkun fattibbli, għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċjali u l-limiti finanzjarji u amministrattivi tal-SMEs.*
- (26) *Biex l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi evalwata sew, għandha ssir reviżjoni biex jiġi aċċertat jekk hemmx bżonn ta' bidliet. Din ir-reviżjoni għandha tiffoka b'mod partikulari fuq il-fehim tal-konsumatur tat-tikketta, inkluż tal-parametru tal-istorbju u l-adattament għall-bidla teknoloġika.*
- (27) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 199/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.¹
- (28) B'mod partikolari, il-Kummissjoni *għandha tingħata s-setgħa* tintroduċi rekwiżiti fir-rigward tal-klassifikar tal-qbid fuq l-imxarrab għall-klassijiet tat-tajers C2 u C3, tintroduċi rekwiżiti fir-rigward ta' parametri essenzjali tat-tajers għajr l-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil, il-qbid fuq l-imxarrab u l-istorbju estern tat-tidwir, u tadattat l-Annessi għall-progress tekniku. Ladarba daww il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' **dan ir-Regolament, interalia billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali** huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Artikolu 1
Għan u suġġett

L-għan ta' ***dan ir-Regolament*** huwa li titkabbar l-effiċjenza ***ekonomika u ambjentali u s-sikurezza*** tat-trasport tat-triq permezz tal-promozzjoni ta' tajers ***sikuri u kwieti*** li jwasslu għal użu ***effiċjenti*** tal-fjuwil.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-għoti ta' informazzjoni ***armonizzata*** dwar il-parametri tat-tajers permezz tat-tikkettar, ***li tippermetti li l-konsumatur jagħmel għażla informata meta jkun qed jixtri t-tajers.***

Artikolu 2
Ambitu

1. *Dan ir-Regolament għandu japplika* għat-tajers C1, C2, u C3.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, *dan ir-Regolament* ma tapplikax għal:
 - (a) tajers ittredjati mill-ġdid;
 - (b) tajers off-road professjonali
 - (c) tyres ddisinjati biss biex jiġu armati fuq vetturi reġistrati għall-ewwel darba qabel l-1. ta' Ottubru 1990
 - (d) Spare tyres tat-tip T għal użu temporarju;

- (e) tajers li l-kategorija tal-veloċità tagħhom hija ta' anqas minn 80 km fis-siegħa;
- (f) tajers li d-dijametru nominali tar-rimm tagħhom ma jkunx aktar minn 254 mm jew ikun 635 mm jew aktar;
- (g) tajers mgħammra b'mezzi addizzjonali sabiex itejbu l-proprjetajiet tal-ġbid, bħal tajers bl-iskontri.

Artikolu 3 Id-Definizzjonijiet

Għall-fini ta' *dan ir-Regolament*:

- (1) 'Tajers C1, C2 u C3' tfisser klassijiet ta' tajers iddefiniti fl-Artikolu 8 ta' Ir-Regolament (KE) Nru .../2009 [dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tipi għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur];
- (2) "Spare tyre tip T għal użu temporarju" jfisser spare tyre għal użu temporarju disinjat għall-użu bi pressjoni tal-infiñ ogħla minn dik stabbilta għal tajers standard u rinforzati;
- (3) *'tajer għas-silġ' tfisser tajer, li d-disinn tal-wiċċ imfellel tiegħu, il-kompożizzjoni jew l-istruttura tiegħu jkunu primarjament iddisinjati biex, f'kundizzjonijiet ta' silġ, ikollhom prestazzjoni aħjar minn dik ta' tajer normali f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità tiegħu biex vettura tibda jew tibqa' tiċċaqlaq;*
- (4) 'punt tal-bejgħ' tfisser post fejn it-tajers huma murija jew offruti għall-bejgħ, inkluż showrooms tal-karozzi fir-rigward ta' tajers murija li mhumiex armati fuq il-vetturi;
- (5) 'letteratura promozzjonali teknika' tfisser *manwali tekniċi, brochures, fuljetti u katalgi jew stampati jew f'forma elettronika, jew ippublikati fuq l-internet, bl-esklużjoni ta' riklamar fuq il-midja, użati* fil-marketing tat-tajers jew tal-vetturi mmirat lejn l-utenti aħħarin jew id-distributori, li *jiddeskrivu* l-parametri speċifiċi ta' tajer ;

- (6) 'dokumentazzjoni teknika' tfisser informazzjoni dwar it-tajers, inkluż il-manifattur u l-marka tat-tajer; deskrizzjoni tat-tip tat-tajer jew il-grupp tat-tajers iddeterminat għad-dikjarazzjoni tal-klassi tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil, il-klassi tal-qbid fuq l-imxarrab u l-valur imkejjal tal-istorbju estern tat-tidwir; rapport tat-testijiet u preċiżjoni tat-testijiet.
- (7) *'kalkolatur tal-iffrankar tal-fjuwil' tfisser għodda pprovduta fuq il-websajts dedikati għat-tikkettar tat-tajrs biex jintwera kemm qed jiġi ffrankat bħala medja fi fjuwil, CO2 u spejjeż, għall-klassijiet C1, C2 u C3 tat-tajers;*
- (8) *'Websajt tal-UE dwar it-tikkettar tat-tajers' tfisser sors ċentrali onlajn ta' informazzjoni spjegattiva u supplimentari amministrat mill-Kummissjoni, dwar kull element individwali tat-tikketta tat-tajer u li tinkludi kalkolatur tal-iffrankar tal-fjuwil;*
- (9) 'manifattur' tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddisinjat juew immanifatturat u li tikkumerċjalizza dak il-prodott taħt isimha jew il-mark kummerċjali tagħha;
- (10) 'importatur' tfisser kull persuna naturali jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li tagħmel prodott minn pajjiż terz disponibbli fis-suq Komunitarju;
- (11) 'fornitur' tfisser il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fil-Komunità jew l-importatur;
- (12) 'distributtur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-forniment, barra mill-manifattur jew l-importatur, li tagħmel tajer disponibbli fis-suq;
- (13) "tqegħid fis-suq" tfisser kwalunkwe forniment ta' prodott għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq Komunitarju waqt attività kummerċjali, sew jekk bi ħlas sew mingħajr ħlas;

- (14) 'utent aħħari' tfisser konsumatur, inkluż maniġer ta' flotta jew kumpanija tat-trasport at-triq li qed tixtri jew mistennija tixtri tajjer ;
- (15) 'parametru essenzjali' tfisser parametru ta' tajjer bħar-reżistenza għat-tidwir, il-qbid fuq l-imxarrab jew l-istorbju estern tat-tidwir li jkollu impatt sinifikanti fuq l-ambjent, is-sikurezza fit-triq jew is-saħħa waqt l-użu.

Artikolu 4

Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni

- 1. *Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi u tamministra, sa mhux aktar tard minn Settembru 2010, 'il-websajt tal-UE għat-tikkettar tat-tajers' bħala sors ċentrali ta' informazzjoni fissiera għal kull element tat-tikketta.***
- 2. *Il-websajt għandha tinkludi:***
 - (a) *spjegazzjoni tal-pittogrammi stampati fuq it-tikketta;***
 - (b) *kalkolatriċi tal-iffrankar tal-fjuwil li juri l-iffrankar potenzjali tal-fjuwil, tal-flus u tas-CO2 meta jiġu armati tajers b'reżistenza baxxa għat-tidwir għall-klassijiet C1, C2 u C3 tat-tajers;***
 - (c) *stqarrija li taċċentwa l-fatt li l-iffrankar attwali tal-fjuwil u s-sikurezza fit-toroq jiddependu bil-kbir mill-imġiba tas-sewwieqa, partikolarment dan li ġej:***
 - (i) *l-ekosewqan, li jista' jnaqqas il-konsum tal-fjuwil;***
 - (ii) *il-pressjoni tat-tajers trid tiġi ċċekkjata regolarment għal karatteristiċi oġhla tal-qbid fuq l-imxarrab u l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil;***
 - (iii) *id-distanzi tal-waqfien għandhom dejjem jiġu osservati b'mod strett.***

Artikolu 5

Responsabbiltajiet tal-fornituri tat-tajers

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tat-tajers jikkonformaw *mar-rekwiżiti* li ġejjin:

- (1) il-fornituri għandhom jiżguraw li t-tajers C1 u C2, ■ kkunsinjati lid-distributuri jew lill-utenti aħħarin, ***jiġu pprovduti b'tikketta li għandha tintwera bi kwalunkwe mezz jew permezz ta' sticker fuq wiċċ it-tajer li turi tikketta li tindika l-klassi tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil u tal-qbid fuq l-imxarrab***, u l-istorbju estern *tat-tidwir* kif *stipulat* fl-Anness I, ***Partijiet A, B u C rispettivament***;
- (2) il-format tal-isticker ***u t-tikketta msemmijin fil-punt 1*** għandu ukun kif preskritt fl-Anness II;
- (3) il-fornituri għandhom jiddikjaraw il-klassi tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil, il-klassi tal-qbid fuq l-imxarrab u l-valur imkejjel tal-istorbju estern *tat-tidwir* fuq il-letteratura teknika promozzjonali kif stipulata fl-Anness I fl-ordni speċifikat fl-Anness III. ***Għat-tajers C2 u C3 il-koeffiċjenti mkejjel tar-reżistenza tat-tidwir għandu jiġi ddikjarat ukoll***;
- (4) il-fornituri għandhom jagħmlu disponibbli dokumentazzjoni teknika għall-awtoritajiet tal-Istati Membri meta dawn jitolbuha, għal perjodu li jintemm ħames snin wara li l-aħħar tajer ta' tip ta' tajer partikolari kien għadu jinsab disponibbli fis-suq; id-dokumentazzjoni teknika għandha tkun dettaljata biżżejjed sabiex tippermetti lill-awtoritajiet jivverifikaw il-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta fuq it-tikketta tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil, il-klassi tal-qbid fuq l-imxarrab u l-valur imkejjel tal-istorbju estern *tat-tidwir*;
- (5) ***il-fornituri għandhom jippreżentaw il-valuri mkejla mit-test għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-koeffiċjenza tar-reżistenza għat-tidwir ($f'kg/t$), tal-indiċi tal-qbid fuq l-imxarrab (bħala indiċi ta' prestazzjoni, G, imqabel mat-tajer ta' referenza standard) u tal-emissjonijiet ta' storbju ($f'dB(A)$), f'bażi ta' dejta aċċessibbli pubblikament.***

Artikolu 6

Responsabbiltajiet tad-distributuri tat-tajers

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-distributuri tat-tajers jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet lie ġejjin:

- (1) id-distributuri għandhom jiżguraw li **l-isticker jew it-tikketta ipprovduti** mill-fornituri skond *il-punt 1 tal-Artikolu 5 jew verżjoni spjegattiva aktar dettaljata tat-tikketta kif stipulat fl-Anness II, punt 3 jkunu disponibbli u muurija b'mod ċar jew fuq it-tajer jew qrib ħafna tiegħu fil-punt tal-bejgħ, rispettivament;*
- (2) meta t-tajers offruti għall-bejgħ ma jkunux viżibbli għall-utent aħħari, id-distributuri għandhom jipprovdu lill-utent aħħari b' **dokumentazzjoni** dwar il-klassi tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil, il-klassi tal-qbid fuq l-imxarrab u l-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir għal dawg it-tajers;
- (3) għat-tajers C1, C2, u C3 id-distributuri għandhom jipprovdu **l-verżjoni spjegattiva tat-tikketta kif stipulat fl-Anness II, punt 3 jew 4, li tiddikjara** l-klassi tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil, **il-klassi tal-qbid fuq l-imxarrab** u l-valur imkejjel tal-istorbju estern, **kif stipulat fl-Anness I, Partijiet A, B u C rispettivament fil-kont** mogħti lill-utent aħħari meta jixtri t-tajers **jew miegħu.**

Artikolu 7

Responsabbiltajiet tal-fornituri tal-vetturi u d-distributuri tal-vetturi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri **tal-vetturi** u d-distributuri tal- **tal-vetturi** jikkonformaw *mar-rekwiżiti* li ġejjin:

- (1) il-fornituri **tal-vetturi** u d-distributuri **tal-vetturi** għandhom **jipprovdu** informazzjoni dwar it-tajers li huma armati fuq vetturi ġodda. *Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-klassi tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil kif stipulat fl-Anness I, il-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir kif stipulat fl-Anness I, Parti C, u għat-tajers C1 il-klassi tal-qbid fuq l-imxarrab kif stipulat fl-Anness I, Parti B, fl-ordni speċifikat fl-Anness III. Din l-informazzjoni għandha tkun inkluża għall-inqas mal-letteratura promozzjonali u tingħata lill-utenti aħħarin qabel ma l-vettura tinbiegħ;*

- (2) meta tipi differenti ta' tajers ikunu jistgħu jiġu armati fuq vettura ġdida, mingħajr ma l-utenti aħħarin jiġu offruti għażla bejniethom, ***l-informazzjoni msemija fil-punt 1 għandha ssemmi l-klassi*** l-aktar baxxa tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil, il-klassi tal-qbid fuq l-imxarrab, u l-ogħla valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir ta' dawn it-tipi ta' tajers ;
- (3) meta l-utenti aħħarin jiġu offruti għażla bejn tipi differenti ta' tajers biex jiġu armati fuq vettura ġdida, ***il-punti segwenti (a) jew (b) għandhom japplikaw***;
- (a) ***fejn l-utenti aħħarin jiġu offruti għażla bejn daqsijiet differenti ta' tajers jew rimmijiet imma mhux bejn parametri oħrajn tat-tip tat-tajer, l-informazzjoni msemija f'punt 1 għandha ssemmi għal kull daqs ta' tajer jew rimm, il-klassi li għandha l-anqas effiċjenza tal-fjuwil, il-klassi li għandha l-anqas qbid fl-imxarrab u l-ogħla valur imkejjel ta' ħoss ta' dawrien estern ta' kull tajer f'dan id-daqs ta' tajers jew rimmijiet***;
- (b) ***ħliet il-każijiet koperti minn punt (a), l-informazzjoni msemija f'punt 1 għandha ssemmi l-klassi tal-effiċjenza tal-fjuwil, il-klassi tal-qbid fl-imxarrab, u l-valur imkejjel tal-ħoss estern tad-dawrien għal kull tip ta' tajer li jista' jintgħażel mill-utent aħħari***.

■ Artikolu 8

Metodi armonizzati tal-ittestjar

L-informazzjoni pprovduta fl-Artikoli 5, 6 u 7 dwar il-klassi tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil, il-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir, u l-klassi tal-qbid fuq l-imxarrab tat-tajers għandha tinkiseb billi jiġu applikati l-metodi armonizzati tal-ittestjar imsemija fl-Anness I. ***It-testijiet armonizzati għandhom jipprovdu lill-utenti aħħarin bi klassifika affidabbli u li tirrappreżenta b'mod komprensiv il-karatteristiċi ttestjati***.

Artikolu 9
Proċedura ta' verifika

1. L-Istati Membri għandhom, skont il-proċedura stipulata fl-Anness IV, jivvalutaw il-konformità tal-klassijiet iddikjarati tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil u tal-qbid fuq l-imxarrab fi ħdan it-tifsira tal-Anness I Partijiet A u B, u l-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir fi ħdan it-tifsira tal-Anness I, Parti C.
2. *Verifiki ta' dan it-tip m'għandhom jippreġudikaw l-ebda vettura tal-UE jew approvazzjoni tat-tip ta' tajer li jinkisbu skont id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi¹ jew ir-Regolament (KE) Nru .../2009 [rigward rekwiżiti ta' approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur]*
- . *Għall-evalwazzjoni ta' konformità l-Istati Membri għandhom jirreferu, fejn applikabbli, għal dokumentazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tat-tajer u għal dokumentazzjoni supplimentari rilevanti pprovduta mill-fornitur.*
3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu sistema ta' ispezzjonijiet bħala rutina barra r-rutina tal-postijiet ta' bejgħ għall-iskop li tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.*

Artikolu 10
Suq intern

1. Fejn *ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament* jiġu osservati, l-Istati Membri la għandhom jipprojbixxu u lanqas jirrestrinġu it-tqegħid fis-suq ta' tajers fuq il-bażi ta' informazzjoni dwar il-prodott koperai minn *dan ir-Regolament*.
2. Sakemm ikollhom evidenza li turi kontra, l-Istati Membri għandhom iqisu t-tikketti u l-infomazzjoni dwar il-prodott bħala li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' *dan ir-Regolament*. Jistgħu jeħtieġu li l-fornituri jipprovdu dokumentazzjoni teknika *b'konformità mal-punt 4 tal-Artikolu 4*, sabiex tiġi vvalutata l-preċiżjoni tal-valuri ddikjarati.

¹ *ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.*

Artikolu 11

Inċentivi

L-Istati Membri m'għandhomx jagħtu inċentivi fir-rigward tat-tajers taħt il-livell Klassi C ***fir-rigward kemm*** tal-*effiċjenza tal-użu tal-fjuwil jew kemm tal-qbid fuq l-imxarrab C*, fi ħdan it-tifsira tal-Anness I ***Partijiet A u B rispettivament***.

Artikolu 12

Emendi u adattament għall-progress tekniku

Il-miżuri li ġejjin, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' *dan ir-Regolament* billi, fost affarijiet oħrajn, iżidu magħha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 14(2).

- (1) l-introduzzjoni ta' rekwiżiti fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-qbid fuq l-imxarrab tat-tajers C1 u C2, dejjem sakemm ikunu disponibbli metodi xierqa ta' ttestjar armonizzati;
- (2) ***introduzzjoni tar-rekwiżiti rigward it-tajers tas-silġ jew tajers tax-xitwa Nordiċi;***
-
- (3) l-addattament tal-Annessi I sa IV għall-progress tekniku.

Artikolu 13

Infurzar u pieni

1. L-Istati Membri għandhom, ***permezz ta' skambju kontinwu ta' informazzjoni, jiżguraw koperazzjoni mill-qrib fis-sorveljanza tas-suq fl-interess tal-implimentazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa għal kontrolli ex post regolari sabiex jiżguraw li t-tajers li ma jkunux tikkettati kif suppost jew jiġu jikkonformaw mar-regoli jew jitneħħew mis-suq.***

2. ***L-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri li jstipulaw sanzjonijiet għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inklużi r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont dan ir-Regolament u dispożizzjonijiet li jiżguraw li dawn jiġu implimentati.***
3. ***Dawn il-miżuri għandhom ikunu effettivi, propożjonati u dissważivi.***
4. ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk il-miżuri u kwalunkwe emendi sussegwenti tagħhom lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.***

Artikolu 14
Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna minn kumitat.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 15
Ir-reviżjoni

1. Sa mhux aktar tard minn ***tliet snin*** snin wara l-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, il-Kummissjoni għandha ***tirrevedi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, waqt li inter alia tikkunsidra:***

- (a) ***l-effettività tat-tikketta f'dak li għandu x;jaqsam mal-għarfien tagħha mill-konsumatur;***
- (b) ***jekk l-iskema tat-tikkettar għandhiex tiġi estiża biex tinkludi t-tajers b'wiċċ ġdid (retreaded);***
- (c) ***jekk għandhom jiġu introdotti parametri jew klassijiet ġodda ta' tajers;***
- (d) ***l-informazzjoni dwar il-parametri tat-tajers provduti mill-fornituri u d-distributuri tal-vetturi lill-utenti aħħarin.***

2. *Il-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' din ir-reviżjoni u wara evalwazzjoni tal-impatt u servej tal-konsumaturi, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsilli, jekk ikun xieraq, flimkien ma' proposta għall-emendar ta' dan ir-Regolament.*

*Artikolu 16
Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2012.

B'danakollu, l-Artikoli 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal tajers prodotti qabel l-1 ta' Lulju 2012.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot kollu kemm hu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi,

*Għall-Parlament Ewropew,
Il-President*

*Għall-Kunsill,
Il-President*

Anness I
Klassifikar tal-parametri tat-tajers

Parti A: Klassijiet ta' effiċjenza tal-użu tal-fjuwil

Il-klassi tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil trid tiġi ddeterminata abbażi tal-koefiċjent tar-reżistenza għat-tidwir (*RRC*) skond l-iskala A sa G speċifikata isfel u mkejla skond [ir-Regolament UNECE ||].

Tajers C1		Tajers C2		Tajers C3	
<i>RRC</i> f' kg/t	Klassi tal-effiċjenza enerġetika	<i>RRC</i> f' kg/t	Klassi tal-effiċjenza enerġetika	<i>RRC</i> f' kg/t	Klassi tal-effiċjenza enerġetika
$RRC \leq 6,5$	A	$RRC \leq 5,5$	A	$RRC \leq 4,0$	A
$6,6 \leq RRC \leq 7,7$	B	$5,6 \leq RRC \leq 6,7$	B	$4,1 \leq RRC \leq 5,0$	B
$7,8 \leq RRC \leq 9,0$	C	$6,8 \leq RRC \leq 8,0$	C	$5,1 \leq RRC \leq 6,0$	C
Vojt	D	Vojt	D	$6,1 \leq RRC \leq 7,0$	D
$9,1 \leq RRC \leq 10,5$	E	$8,1 \leq RRC \leq 9,2$	E	$7,1 \leq RRC \leq 8,0$	E
$10,6 \leq RRC \leq 12,0$	F	$9,3 \leq RRC \leq 10,5$	F	$RRC \geq 8,1$	F
$RRC \geq 12,1$	G	$RRC \geq 10,6$	G	Vojt	G

Parti B: Klassijiet tal-Qbid fuq l-Imxarrab

Il-klassijiet tal-qbid fuq l-imxarrab tat-tajers C1 għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi tal-indiċi tal-qbid fuq l-imxarrab skond l-iskala “A sa G” speċifikata isfel u mkejla skond [ir-Regolament UNECE dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tajers rigward l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar u l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin¹.

<i>G</i>	Klassijiet tal-Qbid fuq l-Imxarrab
$155 \leq G$	A
$140 \leq G \leq 154$	B
$125 \leq G \leq 139$	C
Vojt	D
$110 \leq G \leq 124$	E
$G \leq 109$	F
Vojt	G

Part C: Storbju estern tat-tidwir

Il-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir għandu jiġi ddikjarat f' decibels u jitkejjel skond Regolament UNECE dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tajers rigward l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar u l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin

¹ ĠU L 231, 29.08.2008, p. 19.

Parti D: Mark ta' storbju baxx

Għat-tajers b'emissjonijiet ta' storbju baxxi ddefiniti skont il-klassifika speċifikata hawn taħt, it-tikkettar tal-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir imkejjel f'dB għandu jkun ikkumplimentat mill-"mark ta' storbju baxx":

Klassijiet ta' storbju estern tat-tidwir (dB(A))

	<i>C1</i>	<i>C2</i>	<i>C3</i>
<i>Marka ta' Storbju Baxx *</i>	≤ 68	≤ 69	≤ 70



**Low
Noise**


** Marka ta' Storbju Baxx:*

Annex II: Il-format tat-tikketta

L-isticker imsemmi *fil-punt 1 tal-Artikolu 5* u *fil-punt 1 tal-Artikolu 6* jikkonsistu minn żewġ partijiet: (1) tikketta stampata fil-format deskritt isfel u (2) spazju fejn jintwerew l-isem tal-fornitur u l-linja tat-tajer, il-qies tat-tajer, l-indiċi tat-tagħbija, il-klassifikazzjoni tal-veloċità u speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn (minn hawn ‘il quddiem “l-ispazju tal-marka”).

1. Disinn tat-tikketta

1.1. It-tikketta stampata fuq l-isticker, imsemmija *fil-punt 1 tal-Artikolu 5* u *fil-punt 1 tal-Artikolu 6*, trid tkun skont l-illustrazzjoni hawn taħt¹:




¹ Skont l-Emenda 38, l-ittra (A) wara 72dB għandha tiġi mħassra.

1.2. *Il-punt li ġej għandu jżieded mad-disinn:*

l-indirizz tal-websajt tal-UE dwar it-tikkettar tat-tajers, b'tipa kbira fil-qiegħ tat-tikketta,

1.3. Dan li ġej jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet għat-tikketta:



1.4. It-tikketta trid tkun mill-inqas 75 mm wiesgħa u 100 mm twila. Meta t-tikketta tiġi stampata f'format akbar, il-kontenut tagħha xorta waħda jibqa' proporzjonat għal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fuq.

1.5. It-tikketta għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

a) Il-kuluri huma CMYK - cyan, maġenta, isfar, u iswed – u jingħataw skont dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed.

b) In-numri mniżżla isfel jirrefru għall-ispjegi indikati fit-taqsimi 1.3;

① *Efiċjenza tal-użu tal-fjuwil*

Pittogramma kif fornuta: wisa': 19,5 mm, tul: 18,5 mm – Kwadru għal-linja tal-pittogramma 3,5 pt, wisa': 26 mm, tul: 23 mm – Kwadru għall-klassifikazzjoni linja: 1 pt – Tmiem il-kwadru: linja: 3,5 pt, wisa': 36 mm – Kulur: X-10-00-05.

② *Qbid fuq l-Imxarrab*

Pittogramma kif fornuta: wisa': 19 mm, tul: 19 mm – Kwadru għall-pittogramm linja: 3,5 pt, wisa': 26 mm, tul: 23 mm – Kwadru għall-klassifikazzjoni linja: 1 pt – Tmiem il-kwadru: linja: 3,5 pt, wisa': 26 mm – Kulur: X-10-00-05.

③ *Storbju estern tat-tidwir*

Pittogramma kif fornuta: wisa': 23 mm, tul: 15 mm – Kwadru għall-pittogramm linja: 3,5 pt, wisa': 26 mm, tul: 24 mm – Kwadru għall-valur: linja: 1 pt – Tmiem il-kwadru: linja: 3,5 pt, tul: 24 mm – Kulur: X-10-00-05.

④ *Disinn tat-tikketta linja: 1,5 pt – Kulur: X-10-00-05.*

5 *Skala A-G*

– *Vleġġ*: għoli: 4,75 mm, spazju: 0,75 mm, wisa': 0,5 pt – kuluri:

- A X-00-X-00;
- B 70-00-X-00;
- C 30-00-X-00;
- D 00-70-X-00:
- E 00-30-X-00:
- F 00-70-X-00:
- G 00-X-X-00.

– *Kitba*: Helvetica Bold 12 pt, 100 % abjad, bordura sewda: 0,5 pt.

6 *Gradazzjoni*

– *Vleġġa*: wisa': 16 mm, tul: 10 mm, 100 % iswed;

– *Kitba*: Helvetica Bold 27 pt, 100 % abjad.

7 *Linji fil-klassifikazzjoni*: linja: 0,5 pt – interval bis-snug: 5,5 mm, 100 % iswed.

8 *Scale text*: Helvetica Bold 11 pt, 100 % iswed.

9 *Valur tal-istorbju*

– *Kaxxa*: wisa': 25 mm, tul: 10 mm, 100 % iswed;

– *Kitba*: Helvetica Bold 20 pt, 100 % abjad;

– *Unit text*: Helvetica Bold Regular għal '(A)' 13 pt, 100 % abjad.

⑩ *Logo tal-UE: wisa': 9 mm, tul: 6 mm.*

⑪ *Referenza tar-Regolament. Helvetica Regular 7,5 pt, 100 % iswed;
Referenza tal-klassi tat-tajer: Helvetica Bold 7,5 pt, 100 % iswed.*

c) L-isfond irid ikun abjad.

1.6. Il-klassi tat-tajer (C1, C2 jew C3) trid tiġi indikata fuq it-tikketta fil-formatt preskritt *fil-punt* tal-illustrazzjoni 1.3.

2. L-izpazju tal-marka

|| Il-fornituri għandhom iżidu isimhom, il-linja tat-tajer, il-qies tat-tajer, l-indiċi tat-tagħbija, il-klassifikazzjoni tal-veloċità u speċifikazzjonijiet tekniċi fuq l-isticker ma' tul it-tikketta fi kwalunkwe kulur, format u disinn, dejjem sakemm id-daqs proporzjonali tal-ispazju tal-marka ma jaqbiżx proprzjon ta' 4:5 imqabbel mad-daqs tat-tikketta u l-messaġġ ippubblikat ma' tul it-tikketta ma jfixkilx il-messaġġ tat-tikketta.

3. *Format tat-tikketta spjegattiva estiża*

Il-verżjoni spjegattiva tat-tikketta li jirreferi għalha l-Artikolu 6 għandha tkun konformi mal-immaġini ta' hawn taħt, u t-test għandu jkun tradott fil-lingwa relevanti fil-punt ta' bejgħ. Il-verżjoni tat-tikketta għandha tiġi pprovduta fuq il-kont jew mal-kont lill-konsumatur, sakemm dan ma jikkawżax piż mhux xieraq għad-distributur, u f'dan il-każ l-informazzjoni tingħata skond l-Anness II, punt 4.

Savings, safety and comfort

Fuel economy

Improved fuel economy saves fuel and reduces CO₂ emissions. See how much money you could be saving – use our savings calculator at www.energycar.org

A B C D E F G

Wet grip

Tyre wet grip affects the braking distance on wet roads.

A B C D E F G

Equipping your car with A class tyres could save you a further €75 over their lifetime. To find out more visit www.energycar.org

Exterior Noise

72 dB(A)

Low Noise tyres give you a quieter ride and reduce noise pollution.

Check your tyres regularly

4. **Format tal-informazzjoni fuq il-fattura**

Meta l-ispejjeż tal-istampar tat-tikketta spjegattiva kif definit fl-Anness II, punt 2a, ifissru piż mhux xieraq għad-distributur, l-informazzjoni tat-tikketta għandha tiġi pprovduta skont l-immaġini ta' hawn taħt:



Anness III

L-informazzjoni pprovduta fil-letteratura promozzjonali teknika

1. L-informazzjoni dwar it-tajer tingħata fl-orndi speċifikat kif ġej:
 - (i) il-klassi tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil (ittra A sa G);
 - (ii) il-klassi tal-qbid fuq l-imxarrab (ittra A sa G);
 - (iii) il-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir (dB).

2. L-informazzjoni trid tilħaq dawn il-ħtiġijiet:
 - (i) tinqara faċilment;
 - (ii) tinfihem faċilment;
 - (iii) jekk ikun disponibbli klassifikar differenti għal tajer partikolariu skond il-qisien jew parametri oħra, għandha tġi ddikjarata l-medda bejn it-tajer bl-aġhar prestazzjoni ut-tajer bl-aħjar prestazzjoni.

3. Il-fornituri jridu juru wkoll fuq il-websajt tagħhom
 - (-i) ***link għall-websajt tal-UE dwar it-tikkettar tat-tajers;***
 - (ii) spjegazzjoni tal-pittogrammi stampati fuq it-tikketta, ***u kalkolatur tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil li hu pprovdut fil-websajt tal-EU dwar it-tikkettar tat-tajers;***
 - (iii) stqarrija li tisħaq dwar il-fatt li l-iffrankar attwali tal-fjuwil u s-sikurezza fit-toroq jiddependu bil-kbir mill-imġiba tas-sewwieqa, partikolarment dan li ġej:
 - l-ekosewqan jista' jnaqqas il-konsum tal-fjuwil b'mod sinifikanti;
 - il-pressjoni tat-tajers trid tiġi ċċekkjata regolarment għal karatteristiċi oġhla tal-qbid fuq l-imxarrab u l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil;
 - id-distanzi tal-waqfien għandhom jiġu osservati b'mod strett.

Anness IV: Proċedura ta' verifika

Il-konformità tal-klassijiet iddikjarati tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil u tal-qbid fuq l-imxarrab, kif ukoll il-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir għandu jiġi vvalutat għal kull tip ta' tajers jew għal kull grupp ta' tajers kif iddeterminat mill-fornitur; skont il-proċedura li ġejja:

- (1) L-ewwel jiġi ttestjat tajers wieħed. Jekk il-valur imkejjel jilħaq il-klasi ddikjarata jew il-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir, ikun għadda mit-test.
- (2) jekk il-valur imkejjel ma jilħaqx il-klasi ddikjarata jew il-valur imkejjel tal-istorbju estern tat-tidwir, jiġu ttestjati tliet tajers oħra. Il-valur medju tal-kejl li joħroġ mill-erba' tajers ittestjati għandu jintuża sabiex jiġi vvalutat li dan jaqbel mal-informazzjoni ddikjarata.